MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 355/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Francesco sive Godwin Scerri**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis* u Francesco sive Godwin Scerri talli :

Fil-11 ta' Lulju 2003 u fis-snin ta' qabel, fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera, f'Dar Sant'Agatha Rabat u fil-Marfa, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkorrompew lil Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond

Azzopardi, Charles Falzon, Kevin Micallef u Oliver Goodrum, persuni taht l-eta`, liema minuri kienu fdati lilhom, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehdu hsiebhom, jedukawhom, jghallmuhom, jindukrawhom jew izzommuhom, liema persuni li fuqhom sar l-abbuz kienu taht l-eta` ta' tnax il-sena u/jew ma kinux jistghu jirrezistu minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil taghhom, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li nqdew bihom.

Lil Francesco (Godwin) Scerri wahdu:

Talli fis-Sajf tal-1992 fil-Marfa, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Leonard Camilleri, liema persuna kienet taht l-eta` ;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Awwissu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31 u 203 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Francesco sive Godwin Scerri hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u dan in kwantu tirrigwarda biss il-parte civile Oliver Goodrum u Leonard Camilleri u b'dan li tirrigwarda il-parte civile Oliver Goodrum limitatament in kwantu dak li sehh fil-Marfa u minghajr cirkostanzi aggravanti u in kwantu tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri in kwantu dak li sehh fil-Marfa u fl-Istitut Dar San Guzepp Santa Venera u bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu 203(1)(b) tal-Kodici Kriminali in kwantu li jirrizulta li d-delitt sar b'qerq u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza minn naha wahda l-fedina penali minima ta' l-istess Francesco sive Godwin Scerri u minn naha l-ohra l-gravita` ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, u kkundannatu ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija. Inoltre lliberatu mill-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrigwarda biss il-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef, kif ukoll illiberatu mit-tieni imputazzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta' Awwissu 2011 li permezz tieghu talab, *inter alia*, li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi fil-konfront ta' Francesco sive Godwin Scerri:

(1) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu skond kif imsemmi fis-sentenza u dan in kwantu tirrigwarda biss il-parte civile Oliver Goodrum u Leonard Camilleri u b'dan li tirrigwarda l-parte civile Oliver Goodrum limitatament in kwantu dak li sehh fil-Marfa u minghajr cirkostanzi aggravanti u in kwantu tirrigwarda l-parte civile Leonard Camilleri in kwantu dak li sehh fil-Marfa u fl-Istitut Dan San Guzepp, Santa Venera, u bis-sussistenza tac-cirkostanza aggravanti fis-subartikolu 203(1)(b) tal-Kodici Kriminali;

(2) tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn sabitu mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu skond is-sentenza sa fejn tirrigwarda biss lill-parte civile Lawrence Grech, Joseph Magro, Jason Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Kevin Micallef;

(3) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u cioe` dik ta' stupru fuq il-persuna ta' Leonard Camilleri, u lliberatu minnha, u minflok:

(4) issib lill-istess Francesco sive Godwin Scerri hati ta' din it-tieni imputazzjoni skond il-ligi,

(5) u konsegwentement tinfliggi fil-konfront ta' Francesco sive Godwin Scerri l-piena komplessiva, idoneja u gusta skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**5.** Din is-sentenza tirrigwarda unikament it-talba ta' l-Avukat Generali sabiex din il-Qorti tirrevoka d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija ta' l-appellat Francesco sive Godwin Scerri dwar it-tieni imputazzjoni sabiex

minflok tiddikjarah hati tar-reat hemm kontemplat, cioe1 dak ta’ stupru. Skond l-Avukat Generali, l-ewwel Qorti ghamlet zball legali meta lliberat lill-appellat unikament u esklussivament fuq il-premessa li l-lok fejn effettivament gie kommess l-istupru kien differenti mil-lok indikat fil-komparixxi.

**6.** Issa, l-appellat gie akkuzat permezz ta’ citazzjoni fejn gie ndikat li l-allegat stupru gie kommess fuq Leonard Camilleri “fis-sajf tal-1992 <u>fil-Marfa</u>”. Leonard Camilleri, fix-xiehda tieghu tul il-kompilazzjoni tal-provi, xehed li sehh stupru fl-Istitut ta’ San Guzepp. L-Avukat Generali, fir-rikors ta’ appell tieghu jghid:

“… l-iskop ewlieni tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja huwa precizament sabiex wiehed jaghmel process istruttorju fejn, in segwitu ghall-fatt li persuna titressaq il-Qorti mixlija li tkun wettqet reat li jezorbita l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, jibdew <u>jingabru l-provi</u>, kemm dawk favur, kemm dawk kontra tal-persuna imputata sabiex eventwalment l-Avukat Generali ikun f’posizzjoni jiddetermina jekk jakkuzax lil dik il-persuna bil-kommissjoni ta’ reati quddiem Qorti ta’ Gudikatura Kriminali/Qorti Kriminali. Matul l-*iter* ta’ l-istruttorja, ikun eventwalment l-Avukat Generali li jiddeciedi jekk johrogx att t’akkuza o meno kntra tal-imputat, <u>u dan in bazi ghall-provi li jkunu gew kumpilati, u biss minn dak li johrog mill-kumpilazzjoni – li mhux necessarjament ikun jikkoncidi bil-preciz mar-rizultanzi investigattivi kondotti mill-Pulizija sa dak l-istadju</u>. Tant hu hekk li f’dawn il-kazijiet huwa l-Avukat Generali li ghandu r-responsabbilta` li jiddetermina jekk jipprocedix o meno quddiem il-Qorti Kriminali u jekk iva, b’liema akkuzi jipprocedi.”

**7.** F’dan il-kaz l-Avukat Generali ddecieda li jipprocedi kontra l-appellat ai termini ta’ l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali billi rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 370, in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta’ l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti

Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz ta' l-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. Fil-kaz in ezami, l-artikoli li ndika l-Avukat Generali jirriflettu l-imputazzjonijiet originali kontra l-appellat. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz.

**8.** Jekk tul il-kumpilazzjoni Leonard Camilleri qal li kien sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp, il-prosekuzzjoni setghet taghmel dak li solitament isir, u cioe` li tintalab korrezzjoni fic-citazzjoni. Meta l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju minghajr ma talab li ssir korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, kien qieghed jintrabat "mal-fatti" kif espressi fl-imputazzjonijiet originali. Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu dwar allegat stupru li sehh fl-Istitut ta' San Guzepp. L-appellat gie akkuzat li kkommetta stupru fil-Marfa. Dawn huma postijiet f'inhawi ghal kollox differenti f'Malta. Il-kawzi principali li ghalihom ghamel referenza l-Avukat Generali ma japplikawx ghall-kaz odjern. Fil-kaz **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**[1], differentement mill-kaz odjern, kien hemm mankanti referenza ghall-hin u ghal-lok. Fil-kaz **Il-Pulizija v. Giuseppe Saliba**[2]**,** ukoll differentement mill-kaz odjern, l-Avukat Generali kien ta l-kunsens tieghu *ab initio* biex il-kaz jigi trattat sommarjament skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz **Il-Pulizija v. Ivan Duncan**[3] l-appellat kien ammetta l-imputazzjoni quddiem l-ewwel Qorti, nonostante cio` gie lliberat minn dik il-Qorti, l-Avukat

[1] Appell Kriminali, 5 ta' Awissu 2003.
[2] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 15 ta' April 2011.
[3] Appell Kriminali, 1 ta' Dicembru 2006.

Generali appella u l-appell gie milqugh principalment minhabba l-ammissjoni ta' l-appellat.

**9.** Ghalhekk, galadarba permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, il-prosekuzzjoni baqghet marbuta ma' l-imputazzjoni originali, u li dwarha l-ewwel Qorti kkonkludiet li dik l-imputazzjoni (it-tieni wahda) **"ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata <u>kif dedotta</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti), l-aggravju ta' l-Avukat Generali f'dar-rigward ma jistax jigi milqugh.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali in kwantu jirrigwarda t-talbiet tieghu sabiex tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward ta' Francesco sive Godwin Scerri fejn l-ewwel Qorti ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni (dak ta' stupru) u sabiex minflok issibu hati ta' l-istess imputazzjoni, u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------